# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru   24**

**Avviz  numru      266/00/SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentantrici tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assikurat taghha Umberto Montalto.**

**vs**

**Cecil Bartoli**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux jigi:**

1. **Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socejta' attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li gara fil-25 ta' Gunju, 1999 f'tas-Sliema waqt li l-**

**konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. CJB 053, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-risultat li huwa habat ma' l-vettura numru BAR 675 proprjeta' ta' assikurat tal-attur, u misjuqa minn Maria Concetta Montalto, u ikkaguna hsarat f'din il-vettura;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u sbatax-il Lira Maltin u disa u erbghin centezmi (LM517.49,0) jew somma ohra verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;**

3. **Ikkundannat jhallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

4. **Bl-ispejjes komprizi dawk ta' ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru, 1999, (notifikata fl-10 ta' Settembru, 1999) tal;-konsult (LM12.00) u ta' l-ittra ufficjali ohra ppresentat kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat n-nota ta' l-eccezzjonijiet datat iz-17 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz teighu il-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-kollizjoni in kwistjoni grat unikament tort tad-driver l-ohra billi, kif jigi pruvat, dina telghet Amery Street, Sliema fuq in-naha hazina tat-triq u b'dak il-mod dahlet fil-karozza tal-konvenut. Ghalhekk it-tabiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;**

2. **Salvi eccezzjonjiet ohra u b'riserva tad-drittijiet tal-konvenut;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti kollha esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh ghall-habta tal-5.00 p.m. tal-25 ta' Gunju ta' l-1999 f'Amery Street, Tas-Sliema, bejn il-vettura tal-marka Subaru misjuqa minn Maria Concetta Montalto bin-numru ta' registrazzjoni BAR-675, u dik tal-makra Mercedes misjuqa mill-konvenut Cecil Bartoli bin-numru ta' registrazzjoni CJB-053;**

2. **Illi l-incident de quo sehh meta l-konvenut, li kien hiereg mill-istabbilment "Nicholson's" ghal go Amery Street, Sliema, baqa' diehel fil-vettura ta' Montalto li kienet qed issuq fl-istess triq kif indikat fl-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura, li ma gie ikkontestat mill-ebda wahda mill-partijiet fl-essenzjalita' tieghu;**

3. **Illi d-danni sofferti mis-socjeta' attrici huma regolarment riskontrati u jirrizulta ampjament li s-socjeta' attrici ghamlet tajjeb ghalihom;**

**Illi mill-fatti kif jirrizultaw lil din il-qorti, l-konvenut kien qieghed jaffettwa manuvra li permezz taghha mill-area rizervata ghall-parkegg ta' l-istabbiliment fuq indikat huwa ried jisbokka fit-triq li minnha jghaddi t-traffiku;**

**Illi ghalhekk kien l-oneru ta' l-istess konvenut li jkun prudenti fis-sewqan tieghu li meta jasab biex johrog mill-istabbiliment fuq indikat u jisporgi fil-karreggjata applikabbli ghalieh biex ma jkun ta' perikolu ghalieh u ghall-utenti ohra ta' l-istess karreggjata;**

**Illi in oltre bhala l-persuna li kien ser jidhol f'din il-karreggjata kellu wkoll l-oneru li jara li l-manuvra tieghu tkun wahda permissibbli mir-regolamenti tat-traffiku u konsegwentement kellu l-oneru li jaccerta ruhu li ma jkunx hemm traffiku iehor ghaddej qabel ma jazzarda jizbokka fit-triq;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Cecil Bartoli unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici kagun ta' l-incident indikat fl-avviz odjern;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-istess socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u sbatax-il Lira Maltin u disa u erbghin centezmu, (LM517.49,0);**

3. **Tikkundanna lill-istess konvenut Cecil Bartoli jhallas lis-socjeta' attrici din is-somma hekk likwidata, bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**